MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2004

Avviz Numru. 30/2001/1

Anthony u Carmela konjugi Mizzi .

vs

Angelo u Maria Assunta konjugi Cini .

Il-Qorti ,

Rat l-Avviz li permezz tieghu l-atturi talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex m'ghandhomx jigu kkundannati ihallsu s-somma ta' disa' mija u disgha u disghin lira u sitta u disghin centezmu (Lm999.96c) jew ammont iehor verjuri li jigi likwidat minn dina l-Onorabbli Qorti bhala li huwa dovut bhala hlas tal-appogg u dana minhabba akkomunamnet tal-konvenuti mal-bini tal-atturi fil-kostruzzjonijiet edilizji li huma ghamlu fit-triq Guzeppi Cauchi, Ghajnsielem, Ghawdex, liema ammont ta' appogg gie likwidat mill-perit Salvu Micallef, li huwa l-perit mqabbad mill-istess konvenuti, - dokument "A" .

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra bonarja tal-ghaxra (10) ta’ Mejju, 2001 u bl-ingunzjoni tal-istess konvenuti ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huma imharrka . Bl-imghaxijiet skond il-ligi .

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijet tal-konvenuti li eccepew illi l-ammont mitlub mhux kollu dovut peress li l-atturi meta bnew il-hajt divizorju uzurpaw parti mill-art tal-konvenuti .

Rat id-digriet taghha tat-30 ta' Ottubru 2001 fejn in vista ta' l-eccezzjoni tal-konvenuti pprefiggiet terminu ta' hmistax-il gurnata sabiex il-konvenuti jipprezentaw kawza dwar il-pretensjoni taghhom .

Rat id-digriet taghha tad-19 ta' Novembru 2001 fejn ordnat il-kontinwazzjoni ta' din il-kawza peress li l-konvenuti naqsu milli jipprezentaw il-kawza rigward il-pretensjoni taghhom fiz-zmien koncess .
Rat id-digriet taghha tas-7 ta' Mejju 2002 fejn innominat lill-A.I.C. Gordon Vella bhala espert tekniku sabiex jistma l-ammont dovut ghall-appogg li sar mill-konvenuti .

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess espert ipprezentata fit-8 ta' Mejju 2003 u mahlufa fl-4 ta' Gunju 2003 .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi d-dokumenti esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta’ din il-kawza l-atturi qeghdin jitolbu minghand il-konvenuti l-hlas ta' l-ammont dovut ghall-appogg illi dawn ghamlu mal-hajt divizorju ta' bejn il-proprjetajiet rispettivi . Il-perit tekniku nominat minn din il-Qorti kkonferma illi l-ammont stabilit mill-A.I.C. Salvu Micallef u li kien gie pprezentat bhala "Dok. A" flimkien ma' dan l-Avviz huwa korrett u jirrifletti r-rati tax-xoghol kif kienu fis-sena 2001 meta attwalment gie ezercitat dan l-appogg .

Ghaldaqstant it-talba ta' l-atturi ghal-hlas tas-somma ta' disa' mija disgha u disghin lira maltija u sitta u disghin

centezmu (Lm999.96) kif stabilita mill-A.I.C. Salvu Micallef hija gustifikata u timmerita konferma . Konsegwentement ma jibqa' ebda gustifikazzjoni ghall-konvenuti li jibqghu jirrifjutaw li jhallsu l-ammont hekk dovut minnhom .

Ghal dawn il-motivi tiddecidi l-kawza billi filwaqt illi tichad l-eccezzjoni tal-konvenuti, tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-kovenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' disa' mija disgha u disghin lira maltija u sitta u disghin centemzu (Lm999.96), dovuti lilhom bhala hlas ta' sehemhom mill-ispejjez minfuqa fuq il-hajt divizorju bejn il-proprejtajiet rispettivi .

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra bonarja tal-10 ta' Mejju 2001 u bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata ta' din il-kawza sad-data tal-pagament effettiv, kollox kontra l-konvenuti .
S3001Pc

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------